# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa (5) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 1055/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Av. Dr. Edward Debono (K.I 529758M) kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera BNP Paribas (Suisse) SA**

**Vs**

**Ronald Gaerty (K.I.0547186M)**
**Mary Gaerty (K.I.0655752M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 25 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent nomine talab is-segwenti:

*Illi 1-esponenti huwa debitament awtorizzat jagħmel dan ir-rikors għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera ossija bank ċioe BNP Paribas (Suisse) SA ai termini ta' prokura tal-31 ta' Awwissu 2018 hawn annessa u mmarkata bħala Dokument KM1.*

*Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 17 tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S. 12.09), dwar l-eżekuzzjoni ta'*

*sentenzi ta' tribunali ta' pajjiżi barra minn Malta, u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 u taħt l-Artikoli 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali.*

*Illi b'sentenza mhux appellata u finali tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016, «Dokument KM2» hawn anness u traduzzjoni tal-istess « Dokument KM3 », l-intimati ġew kkundannati biex iħallsu lir-rikorrenti nomine s-somma ta' €2,080,000 bl-interessi ta' 2.5% fis-sena mill-1 ta' Ottubru 2016 sal-31 ta' Marzu 2017, u ta' 5% mill-1 ta' April 2017, u dan sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017, u wara tali data dan l-ammont inkluż l-interessi kif fuq indikati jiġi dovut fl-intier tiegħu bl-imgħax ta' 5% fis-sena dekorribli mill-1 ta Lulju 2017.*

*Illi ġialadarba s-sentenza surreferita «Dokument KM2» ma ġietx appellata inħareġ iċ-ċertifikat dwar sentenzi u transazzjonijiet quddiem il-Qorti esteru msemmi fl-Artikoli 54 u 58 tal-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, datat 19 ta' Jannar 2018, kif jirriżulta mid-«Dokument KM4» hawn anness u traduzzjoni tal-istess «Dokument KM5».*

*Illi ai termini tal-Artikoli 33 u 41 tar-Regolament Numru 44/2001/KE din is-sentenza mogħtija minn Qorti Svizzera għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura speċjali u għandha tiġi dikjarata eżegwibbli immedjatament mat-twettiq tal-formalitajiet fl-Artikoli 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano, u ċioe, malli parti tapplika għal applikazzjoni ta' eżekuzzjoni u tipproduċi kopja tal-ordni jew deċiżjoni.*

*Illi r-rikorrenti għandu interess illi jeżegwixxi s-sentenza surreferita kontra l-intimati ġewwa Malta.*

*GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti nomine jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-eżekuzzjoni ġewwa Malta tas-sentenza mhux appellata u finali tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016, «Dokument KM1» ottenuta mir-rikorrenti BNP Paribas (Suisse) SA kontra l-intimati Ronald u Mary Gaerty, u tawtorizza lill-istess esponenti nomine jeżegwixxi l-istess sentenza kontra l-intimati Ronald u Mary Gaerty bil-fakoltajiet u d-drittijiet kollha illi l-liġi Maltija takkorda għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ġewwa Malta.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi ta' dan ir-rikors, kontra l-intimati Ronald u Mary Gaerty li huma inġunti minn issa in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2019 l-intimati Ronald Gaerty u martu Mary Gaerty irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

    *Illi r-rikors premess għandhu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti:*

    1. *L-ewwel nett in kwantu dan ir-rikors qiegħed isir a tenur "Tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000." Dana huwa null għaliex l-istess rikors ġie revokat b'effett ta' l-Art 80 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1215/2012. Dan ir-regolament ġdid ma jikkontemplax il-proċedura odjerna, u fi kwalsiasi każ lanqas japplika għall-każ odjern billi l-iSvizzera ma hijiex stat membru ta' l-Unjoni.*

    2. *Fit-tieni lok u fi kwalsiasi każ din is-sentenza ma hijiex enfurzabbli Malta in kwantu tilledi l-politika pubblika tal-pajjiż, u dan billi: Sar loan f'Malta minn entita (Union de Credit pour le Bàtiment (UCB) Suisse SA li ma kellhiex liċenzja taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u ma kenitx awtorizzata li ssellef il-flus b'mod kummerċjali Malta, b'termini illi wkoll jmorru kontra l-politika pubblika: ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-flus issellef f'Malta billi jirriżulta li s-self ingħata propju b'riferenza għal negozju fuq propjeta sitwat f'Malta u saħansittra ġie kawtelat b'ipoteka speċjali fuq l-istess propjeta f'Malta. Għalkemm il-kuntratt kien jipprovdi li kien regolat bil-liġi ta' Svizzera dan sar biss u unikament f'tentattiv li jiġu evitati r-restrizzjonijiet imposti f'Malta.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija sentenza tal-Qorti ta' Canton, Geneva, Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016 u ċ-ċertifikat ta' Infurzar maħruġ fid-19 ta' Jannar 2018.

4. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent nomine iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

5. Rat in-nota b'dokumenti eżebiti mill-intimat fis-16 ta' Ottubru 2019. (fol 31)

6. Rat l-affidavit ta' **Ronald Gaerty** ippreżentat fl-10 ta' Diċembru, 2019. (fol 125)

7. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent nomine kif awtorizzat mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2020.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Ronald Gaerty** in kontro-eżami datata 24 ta' Novembru 2020. (fol 169)

9. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2020 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm provi oħra x'jippreżentaw u li l-kawza setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

10. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent nomine illi ġew ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2021.

11. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimati ippreżentati fit-23 ta' Marzu 2021.

12. Rat illi fit-23 ta' Marzu, 2021, l-intimati talbu li l-Qorti tirreferi l-każ għall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

13. Rat illi din il-Qorti ċaħdet it-talba permezz ta' digriet datat 19 ta' April, 2021 (fol 207).

**Fatti tal-każ**

14. Jirriżulta li permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016, l-intimati ġew ikkundannati jħallsu lir-rikorrenti nomine is-somma ta' Euro 2,080,000 bl-interressi. Kopja tas-sentenza tinsab eżebita bħala Dok KM2 u kopja tat-traduzzjoni tal-istess sentenza hija eżebita bħala Dok KM3.

15. Jirriżulta li s-sentenza eżebita bħala Dok KM2 ma ġietx appellata, b'hekk inħareġ iċ-ċertifikat dwar sentenzi u transazzjonijiet quddiem il-Qorti estera kif imsemmi fl-Artikolu 54 u 58 tal-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi materji ċivili u kummerċ kif datata 19 ta' Jannar 2018, kif jidher minn Dok KM4 u Dok KM5.

16. L-attur nomine qed jipproċedi bil-każ in eżami sabiex din il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza sureferita.

**Ikkunsidrat**

17. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent nomine qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob l-eżekuzzjoni ġewwa Malta tas-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016 ottenuta minn BNP Paribas (Suisse SA) kontra l-intimati Ronald u Mary Gaerty, biex b'hekk tkun tista' tiġi eżegwita s-sentenza kontra l-intimati bil-fakoltajiet u d-drittijiet kollha li l-liġi Maltija takkorda.

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati qajmu varji id-difiżi, kemm preliminari kif ukoll fil-meritu.

19. Jirriżulta illi, preliminarjament, eċċepew li r-rikors odjern huwa null peress li r-regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 ġie revokat b'effett ta' l-Artikolu 80

tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1215/2012, u dan ir-regolament ġdid ma jikkontemplax il-proċedura odjerna. Ġie eċċepit ukoll li l-Isvizzera mhijiex Stat Membru fl-Unjoni Ewropea.

20. Jirriżulta illi, fil-mertu, ġie sostnut, li l-imsemmija sentenza mhijiex enforzabbli stante li tilledi l-politika pubblika tal-pajjiż, billi s-self sar f'Malta u s-self ingħata proprju b'referenza għal negozju sitwat f'Malta.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari – rikors ibbażat fuq Regolament abolit**

21. Ġie eċċepit preliminarjament, li l-proċedura odjerna hija nulla stante li r-rikors sar a tenur tar-regolament numru 44/2001, u dan ir-regolament kien revokat u mħassar b'Regolament 1215/2012 qabel il-preżentata ta' dan il-każ. Ir-rikors odjern kellu jsir b'rikors maħluf għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Lugano.

22. Il-Qorti tirrileva illi, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrent indika illi r-rikors qiegħed isir skond ir-Regolament tal-Kunsill Ewropew 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2001, indika wkoll illi qiegħed isir abbażi tal-Artikolu 825A tal-Kap 12, tar-Regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 u taħt il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali.

23. Tosserva illi kien ikun ferm aħjar kienu r-rikorrent, qabel ma rrediġa r-rikors promotur, ivverifika jekk ir-Regolament 44/2001 kienx għadu viġenti, stante illi huwa minnu illi tali Regolament ġie abolit u rimpjazzat bir-Regolament 1215/2012 – tali nuqqas ser jiġi kkunsidrat fil-kap tal-ispejjeż.

24. Tosserva wkoll illi, fost il-lista ta' varji strumenti legali illi abbażi tagħhom ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjern, ir-rikorrent semma' l-Artikolu 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali – tali Konvenzjoni tapplika kemm għal Malta kif ukoll għall-Isvizzera, u għalhekk azzjoni setgħet issir abbażi ta' tali Konvenzjoni.

25. Għaldaqstant, filwaqt illi huwa minnu illi r-rikorrent erronjament indika Regolament abolit, huwa bbaża l-azzjoni tiegħu wkoll fuq il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, u għalhekk l-azzjoni odjerna ma hijiex nulla.

**L-Eċċezzjoni fil-meritu – sentenza tmur konta l-politika pubblika ta' Malta.**

26. Jirriżulta illi l-intimati saħqu illi s-sentenza illi qed jittenta jenforza f'Malta ir-rikorrent għas-soċjeta' BNP Paribas (Suisse) SA tmur kontra l-"public policy" tal-Gvern ta' Malta, peress illi l-bank BNP Paribas (Suisse) SA ma kellhiex liċenzja ssellef flus b'mod kummerċjali ġewwa Malta u s-self illi dwaru ottjeniet sentenza ġewwa l-Isvizzera kienet tirrigwarda self mogħti lill-intimati in konnessjoni ta'

negozju fuq propjeta sitwat f'Malta u kawtelat b'ipoteka speċjali fuq l-istess propjeta f'Malta.

27. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, is-sentenza li tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni f'Malta, ingħataw ġewwa l-Isvizzera, u l-eżekuzzjoni tagħha qiegħda tintalab a tenur tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ġivili u Kummerċjali.

28. **L-Art 826 tal-Kap 12** jgħid:-

> *'Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.'*

29. **L-Art 827 tal-Kap 12** jgħid x'eżami trid tagħmel il-Qorti meta ssir talba skont l-Art 826 tal-Kap 12.

30. Skont **l-Art 827 (1) tal-Kap 12** jgħid li l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' ssir:-

> *(a) "Jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 811.*
>
> *(b) F'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skont il-liġi barranija.*
>
> *(c) Jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta*".

31. Imbagħad fis-subartikolu (2) jingħad illi:

> *"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tat is-sentenza, tista' tingħata taħt id-dispożizzjoni tal-Artikolu 811 (d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każ ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet mingħajrha għal dik il-ġurisdizzjoni".*

32. Il-Qorti għalhekk tirrileva li sabiex talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza tkun respinta, jeħtieġ li tirriżulta xi preġudizzju kif indikat fid-dispożizzjoni, u hawnhekk issir referenza għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Schoeller International Gmbh v Ellul et** fejn il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

> *"F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero', tħoss li għandu jiġi osservat li meta ssir talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti estera l-indaġini li trid issir mill-Qorti lokali ma tridx tkun konċernata bil-mertu tal-proċeduri quddiem il-Qorti estera li twassal għal dik is-sentenza għax altrimenti l-Qorti li tkun ġiet mitluba li tagħti eżekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kinux intiżi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F'dawn iċ-ċirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista' tiġi attakkata għal xi raġuni li, skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tagħti lok għar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap 12, (b) li f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skond il-liġi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta."* (sottolinjar tal-Qorti)

33. **Luigi Mattirolo** fit-Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana (Vol. VI, 4a ed, Torino 1898 p.942) jgħid illi l-Qorti fi proċediment ta' din ix-xorta:

> *'…non e' chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche' le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio.* (sottolinjar tal-Qorti) *Adunque il giudizio di deliberazione e' un giudizio sui generis, straordinario, cosi' per riguardo al magistrate davanti a cui si svolge in primo ed ultimo grado, come per i confini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l'esame dell' autorita` giudicante.*

34. Il-Qrati Maltin ġia esprimew il-posizzjoni tagħhom dwar l-infurzar ta' tali sentenzi esteri, u hawnhekk issir referenza għal-kawża fl-ismijiet **C&F. Building Contractors Limited v Siegfried Generics (Malta) Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016, liema sentenza kienet ibbażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea tal-1968 (Brussels Convention) u l-hekk imsejħa Konvenzjoni ta' Lugano ffirmata fl-1988 (li tirrifetti l-Konvenzjoni Ewropea – Brussels I - iżda testendiha għan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Iżvizzera), fejn il-Qorti qalet:

> *"il-Qorti ta' dak l-istat fejn il-konvenut ikun deher ("enters an appearance"), ikollha f'kull każ ġurisdizzjoni, u dan sakemm ma jkunx deher biss ("solely") biex jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti."*

35. Fil-kawża surriferita, il-konvenut oġġezzjona għall-infurzar billi eċċepixxa n-nullita' tal-kuntratt prinċipalment għaliex jivvjola d-dettami ta' l-Artikoli 44 sa 47 tal-Kap. 378 u tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 93/13 EEC, peress li l-kundizzjonijiet imniżżlin fih "*huma inġusti, abbużivi u oppressivi u jivvjolaw kull obbligu ta' bona fide*".

36. Il-Qorti tal-Appell irrilevat illi l-azzjoni quddiemha kienet saret skond il-"**Convention on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters**" iffirmat ġewwa Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007 u effettiv mill-1 ta' Jannar tas-sena 2010, u għamlet referenza għas-segwenti artikolu tal-Konvenzjoni, illi huwa applikabbli wkoll għall-każ odjern:

    a. **l-Artikolu 2** illi jipprovdi:

    *Subject to the provisions of this Convention, persons domiciled in a State bound by this Convention shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that State*

    b. **l-Artikolu 33** illi jipprovdi:

    *A judgement given in a State bound by this Convention shall be recognised in the other States bound by this Convention without any special procedure being required.*

    c. **l-Artikolu 38** illi jipprovdi:

    *A judgement given in a State bound by this Convention and enforceable in that Sate shall be enforced in another State bound by this Convention when, on the application of any interested party, it has been declared enforceable there.*

    d. **l-Artikolu 41** illi jipprovdi:

    *The judgement shall be declared enforceable immediately on completion of the formalities in Article 53 without any review under Articles 34 and 35. The party against whom enforcement is sought shall not at this stage of the proceedings be entitled to make any submissions on the application.*

    e. **l-Artikolu 53** illi jipprovdi:

    *1) A party seeking recognition or applying for a declaration of enforceability shall produce a copy of the judgement which satisfies the conditions necessary to establish its authenticity.*

    *2) A party applying for a declaration of enforceability shall also produce the certificate referred to in Article 54, without prejudice to Article 55.*

37. Fejn jirrigwarda istanzi meta sentenzi ma jiġux rikonoxxuti, l-Qorti tal-Appell għamlet referenza għall-**Artikolu 34** tal-istess Konvenzjoni illi jipprovdi:

*a judgement shall not be recognized;*

1) *If such recognition is manifestly contrary to public policy in the State in which recognition is sought;*

2) *Where it was given in default of appearance, if the defendant was not served with the document which instituted the proceedings or with an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge the judgment when it was possible for him to do so;*

3) *If it is irreconcilable with a judgment given in a dispute between the same parties in the State in which recognition is sought;*

38. Fil-każ odjern illi qiegħed jiġi kkunsidrat minn dina l-Qorti, l-intimati konjuġi Gaerty, kif ġia osservat aktar 'il fuq, qed jeċċepixxu l-imsemmi kuntratt imur kontra l-Public Policy u l-liġi ta' Malta a tenur tal-Artikolu 34 (1) tal-Konvenzjoni tal-Lugano, stante li l-infurzar tat-telf ta' flus mil-Bank UCB ma kienx legali billi ma kienx bank liċenzjat f'Malta. Inoltre`, l-enforzar ta' telf f'sitwazzjoni fejn l-effett tal-kambju kien aktar minn tmienja fil-mija (8%). Għalhekk, qed jiġi sostnut li fil-każ in eżami l-Bank, bi ksur tal-Konvenzjoni ta' Lugano ipproċeda kontra l-intimati fl-Isvizzera b'mod li seta' jostor in-nuqqasijiet tiegħu fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur.

**39.** Il-Qorti tosserva li, fis-sottomissjonijet tal-abbli difensuri tagħhom, l-intimati sostnew li l-kuntratt imsemmi sar bi ksur tad-drittijiet tal-Konsumatur u dan b'referenza għad-Direttiva 93/13 KEE u d-Direttiva 2005/2009 KEE kif ukoll bi ksur għar-regoli applikabli tal-Konvenzjoni ta' Lugano. Għaldaqstant, l-intimati qed jissottolineaw li l-ksur tad-drittijiet tal-konsumatur hu ksur ta' Public Policy ta' Malta, b'hekk il-kuntratt in kwistjoni mhuwiex enforzabbli a tenur tad-Direttivi Ewropej 93/13 KEE u 2005/29 KEE li jirregolaw u jipproteġu d-drittijiet tal-Konsumatur, liema drittijiet huma wkoll inklużi fil-Konvenzjoni ta' Lugano.

**40.** In sostenn tal-argumentazzjoni tagħhom, l-intimati, fis-sottomissjonijiet tagħhom, irreferew għall-każijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fosthom, **Arpad Kasler et vs OTP Jelzalogbank Zrt C-26-13**, **Ruxandra Paula Andricuic & Others vs Banca Romanesca SA C-186-16, Kamil Dziubak et vs Raiffeisen Bank International AG C-260-18.**

41. Din il-Qorti, iżda, tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Pannon GSM Zrt. V Erzsebet Sustikne Gyorfi deciza fl-4 ta' Ġunju 2009, (Case C-243/08, ECR 2009, p.I-4713** ingħad mill-Qorti Ewropeja li:

*"The court seized of the action is therefore required to ensure the effectiveness of the protection intended to be given by the provisions of the Directive. Consequently, the role thus attributed to the national court by Community law in this area is not limited to a mere power to rule on the possible unfairness of a contractual term, but also consists of the obligation to examine that issue of its own motion, where it has available to it the legal and factual elements necessary for that task, including when it is assessing whether it has territorial jurisdiction.*

*In carrying out that obligation, the national court is not, however, required under the Directive to exclude the possibility that the term in question may be applicable, if the consumer, after having been informed of it by that court, does not intend to assert its unfair or non-binding status".*

42. U fil-kawża **Oceano Grupo Editorial SA v. Rocio Murciano Quintero** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2000 **C240/98- C-244/98 ECRI-4941** - ingħad li:

*"As to the question of whether a court seized of a dispute concerning a contract between a seller or supplier and a consumer may determine of its own motion whether a term of the contract is unfair, it should be noted that the system of protection introduced by the Directive is based on the idea that the consumer is in a weak position vis-à-vis the seller or supplier, as regards both his bargaining power and his level of knowledge. This leads to the consumer agreeing to terms drawn up in advance by the seller or supplier without being able to influence the content of the terms.*

*The aim of Article 6 of the Directive, which requires Member States to lay down that unfair terms are not binding on the consumer, would not be achieved if the consumer were himself obliged to raise the unfair nature of such terms. In disputes where the amounts involved are often limited, the lawyers' fees may be higher than the amount at stake, which may deter the consumer from contesting the application of an unfair term. While it is the case that, in a number of Member States, procedural rules enable individuals to defend themselves in such proceedings, there is a real risk that the consumer, particularly because of ignorance of the law, will not challenge the term pleaded against him on the grounds that it is unfair. It follows that effective protection of the consumer may be attained only if the national court acknowledges that it has power to evaluate terms of this kind of its own motion."*

43. Jirriżulta illi l-intimati qed isostnu, fis-sottomissjonijiet tagħhom, li l-oneru tal-prova li ġew rispettati d-drittijiet tal-konsumatur u li ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi, kien jinkombi fuq in-negozjant, il-Bank rikorrent. Huma jsostnu wkoll li l-Bank, bi ksur tal-Konvenzjoni ta' Lugano, ipproċeda kontra tagħhom fl-Isvizzera

b'mod li seta' jostor in-nuqqasijiet tiegħu fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur. L-intimati jinsistu wkoll fuq il-ksur tad-Direttiva 2005/29 KE, liema Direttiva timponi obbligu fuq in-negozjant li ma jieħux passi kontra l-liġi li jpoġġi konsumatur fi żvantaġġ. Huwa għalhekk illi l-intimati jilmentaw li l-ksur tad-Drittijiet tal-konsumatur huwa ksur ta' 'public policy' ta' Malta.

44. Jirriżulta, iżda, li in risposta għal tali argumentazzjoni, r-rikorrent nomine, fis-sottomissjonijiet, issottolinea li minkejja li l-Isvizzera mhijiex parti mill-Unjoni Ewropea, hija firmatarja tal-Konvenzjoni ta' Lugano, għalhekk japplika l-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid li l-Qorti Maltija hija prekluża li teżamina mill-ġdid il-każ għal dak li s-sustanza tiegħu u lanqas tista' tagħmel stħarriġ ġudizzjarju fis-sens ta' review ta' deċiżjoni estera. Insista wkoll illi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza ai termini tal-Konvenzjoni ta' Lugano tista' ssir a tenur tal-Artikolu 54 u l-Artikolu 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano.

45. Inoltre`, ir-rikorrent nomine ssottolinea s-segwenti:

1. Ronald Gaerty ikkonferma fl-24 ta' Novembru 2020 li ffirma l-kuntratt u s-sanction letter u d-dokumenti annessi kif jidher a fol 148 et seq.

2. Ronald Gaerty ikkonferma d-dokument a fol 45 u d-dokumenti annessi, u kien jaf li s-sanction letter kienet in swiss francs.

3. Ronald Gaerty ikkoferma li kien hem default fl-2013, il-Bank għamel call-in u beda proċeduri quddiem il-Qorti Helvetika.

4. Huwa ma kienx oppona għall-proċeduri u ma appellax is-sentenza tal-Qorti Svizzera.

5. Huwa kkonferma li wiegħed li se jħallas dejnu, iżda baqa' inadempjenti nonostante l-ipoteka li kien ta' fuq ħwejġu.

46. In sostenn għall-argument, ir-rikorrent rrefera għal-żewġ sentenzi, ossija l-każ **Av. Dr. Edward Debono vs Jean Pierre Borg** (1096/15) u l-każ **Av. Dr. Edward Debono noe vs Paul Hili et** (935/15), it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016.

47. L-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, irrilevaw li fil-każ ta' "Paul Hili et" (935/15) il-Qorti kienet qalet li s-sentenza estera setgħet tiġi eżegwita għaliex '*m'hemmx prova li s-self sar f'Malta*' a differenza tal-każ odjern, fejn l-intimati jinsistu li d-dejn sar f'Malta. Dwar il-każ ta' "Jean Pierre Borg" (1096/15), l-intimati sostnew li in linea ma' dak deċiż f'dak il-każ mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ma tistax tqis eżegwibbli sentenza safejn ordnat imgħax li jeċċedi t-tmienja fil-mija (8%).

48. Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa is-sentenzi suċitati, jirriżulta li fil-każ **Av.Dr. Edward Debono noe vs Paul Hili et**, l-aggravju imsejjes fuq il-premessa li d-dejn kanonanizzat b'sentenza estera kien self magħmul f'Malta ġie miċħud għax qalet is-segwenti:

> *"Fi kliem ieħor, ma hemm ebda prova la li s-self sar f'Malta, kif jgħidu d-debituri u lanqas li l-obbligazzjoni saret barra minn Malta, kif tgħid BNP. Il-kelma tal-partijiet ma hijiex biżżejjed bħala prova, kemm għax ma jaqblux ma' xulxin u kemm għax mhijiex l-aħjar prova. L-aħjar prova ċertament kienet tkun prova dokumentarja tan-negozju li faċilment kienet tkun produċibbli minn kull waħda mill-partijiet. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk fil-proċess hemm biss prova tal-eżistenza tad-dejn."*

49. Fil-każ **Dr. Edward Debono vs Jean Pierre Borg**, mill-banda l-oħra, intqal hekk:

> *"Fir-rigward tal-aggravju marbut ma' l-imgħax, il-liġi ta' Malta tiprojbixxi r-reklam ta' imgħax li jaqbeż it-8%, u talba għall-ħlas ta' imgħax in eċċess hija meqjusa bħala użura kundannabbli anke bil-liġi kriminali; tali restrizzjoni hija meqjusa ta' ordni pubbliku tant li lanqas tista' twassal għall-ħolqien ta' obbligazzjoni naturali (Ara* ***Farrugia vs Direttur tas-Sigurta Soċjali*** *deċiża minn din il-Qorti Sede Inferjuri fid-19 ta' Ottubru 2005).*
>
> *Hu veru li fit-termini tar-Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-rata ta' imgħax (Avviż Legali 142/2009) il-Gvern qies validu ftehim ma' ċerti entitajiet esteri li jikkontempla ħlas ta' imgħax aktar għoli minn 8%, daqs kemm jippermetti imgħax li jeċċedi l-ammont ta' kapital dovut. Din il-Qorti, pero`, ma għandhiex il-prova li s-soċjeta' attriċi tissodisfa l-kriterji li l-avviż legali jqis meħtieġa biex soċjeta' estera tista' titqies bħala entita magħżula għall-fini ta' dik il-liġi, u ma tistax allura, taċċetta l-validita` tal-ordni tal-Qorti Svizzera għall-ħlas ta' imgħax bi 12%. Bħala fatt, anzi jirriżulta li s-soċjeta' attriċi ma għandhiex liċenzja bankarja lanqas ġewwa l-Isvizzera. Il-fatt li l-leġislatur Malti illimita l-każijiet fejn ftehim fuq imgħax ta' aktar minn 8% jista' jitqies validu, jikkonferma kemm din ir-restrizzjoni hia meqjusa ta' interess nazzjonali u ta' ordni pubbliku.*
>
> *Kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Schoeller International GmbH vs Ellul et*** *deċiża fis-26 ta' Ottubru 2001:*
>
> *"Sentenza ma titqiesx li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta għar-raġuni biss illi, li kieku l-kawża nstemgħet u nqatgħet hawn Malta, kienet tinqata' mod ieħor; tmur kontra l-ordni pubbliku jekk toħloq konflitt ma' dawk il-prinċipji ewlenin tal-ordni ġuridiku li huma l-qofol*

*tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-soċjeta' fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, talba għall-ħlas ta' imgħax li teċċedi t-8% hija milquta bl-użura, u dik l-ordni hija soġġetta għar-riduzzjoni skont il-liġi. L-użura huwa kunċett fondamentali fl-ordinament ġuridiku Malti, u ħlief fil-każijiet espressament eżenti mil-liġi, il-Qorti ma tistax tqis eżegwibbli sentenza estera safejn ordnat ħlas ta' imgħax li jeċċedi t-8%."*

50. Fil-każ odjern, mid-dokumentazzjoni eżebita mill-intimati, jirriżulta mis-'*sanction letter*' eżebita fl-atti bħala Dok RG4, (fol 51), li klawsola 22 tipprovdi:

*"<u>The place of execution of the Agreement and all related obligations is in Geneva</u>. If the borrower is domiciled abroad, or subsequently moves there, this place of execution in Geneva will also become the jurisdiction for any claims (special domicile pursuant to article 50, paragraph 2 of the federal Law of Switzerland on claims for debts and insolvency).*

*This loan agreement is subject to Swiss law other than in respect of the special hypothec which shall be subject to Maltese law. Any dispute between the parties relating to the execution, interpretation or validity of the Agreement falls within the jurisdiction of the courts of the Republic of the Canton of Geneva, with appeal to the Federal Court reserved.*

*At its sole and full discretion, UCB SUISSE nevertheless maintains the express right to act before any competent authority of its choice."*

*51.* Il-Qorti tosserva li, mid-diċitura ta' tali artikolu, joħroġ ċar illi l-intimati kienu ben konxji tal-fatt li s-self in kwistjoni, mertu tal-vertenza odjerna bejn il-partijiet, sar fl-Isvizzera. Għalhekk, l-argument tal-intimati li s-self sar f'Malta, u l-kontestazzjoni mill-intimati f'dan ir-rigward, ma jreġġix.

52. Il-Qorti tosserva, mill-banda l-oħra, illi, abbażi tas-sentenza ta' 'Jean Pierre Borg' (Rik 1096/15) imsemmija mir-rikorrent nomine stess, il-Qorti għamlitha ċara li s-sentenza estera tista' tkun eżegwibbli f'Malta b'imgħax li ma jeċċedix it-8%, b'dan li l-imgħax irid jiġi ikkalkulat mhux kif stabbiliet il-Qorti Svizzera, iżda b'imgħax ta' 8% - dina l-Qorti tagħmel tagħha tali konsiderazzjoni.

53. Għalhekk, il-Qorti tordna li fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016 Dokument Dok KM1, ottenuta minn BNP Paribas (Suisse) SA kontra l-intimati Gaerty u meritu tal-proċeduri odjerni, **l-**

**imgħax jiġi ikkalkulat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u mħaddma skond il-Liġi Maltija**.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri ta' l-attur nomine u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi :

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

**Tilqa'** t-talba ta' l-attur nomine kif ġej:

**Tordna** l-eżekuzzjoni ġewwa Malta tas-sentenza mhux appellata u finali tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Għaxar Diviżjoni tar-Repubblika u Canton ta' Geneva fil-Konfederazzjoni Svizzera datata 23 ta' Ġunju 2016, Dok KM1, ottenuta minn BNP Paribas (Suisse) SA kontra l-intimati Ronald u Mary Gaerty u tawtorizza lil BNP Paribas (Suisse) SA jeżegwixxu l-istess sentenza kontra l-intimati bil-fakoltajiet kollha tal-liġi Maltija, b'dan illi, fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza, **l-interess ikun ta' tmienja fil-mija (8%) u jinħadem skond il-Liġi Maltija**.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur